

- 2) Fil-każ ta' trasferiment tal-polza ta' kargu lil terz, destinatarju tal-merkanzija, li ma rriżultax mill-kuntratt bejn il-konsenjatur u t-trasportatur tal-baħar, regola bħal dik inkluża fl-Artikolu 251 tal-Ley de Navegación Marítima (il-Liġi dwar in-Navigazzjoni Marittima), li teżiġi li, għall-infurzabbiltà tal-klawżola fil-konfront ta' dan it-terz, il-klawżola ta' ġurisdizzjoni għandha tkun ġiet innegozjata miegħu "individwalment u separatament", tirriżulta kompatibbli mal-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012 u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpretaha?
- 3) Jirriżulta possibbli, konformement mad-dritt tal-Unjoni, li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali ta' validità għall-effikaċja fil-konfront ta' terzi tal-klawżoli ta' ġurisdizzjoni inklużi f'poloz ta' kargu?
- 4) Regola bħal dik inkluża fl-Artikolu 251 tal-Liġi dwar in-Navigazzjoni Marittima Spanjola, li tistabbilixxi li s-surroga tat-terz detentur isseħħ f'forma parzjali biss, bl-esklużjoni tal-klawżoli ta' proroga ta' ġurisdizzjoni, tippreżupponi l-introduzzjoni ta' rekwiżit addizzjonali ta' validità ta' dawn il-klawżoli, kuntrarja għall-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012?

(<sup>1</sup>) ĠU 2012, L 351, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Pontevedra (Spanja)  
fil-25 ta' Mejju 2022 – Mapfre España Compañía de Seguros y Reaseguros SA vs MACS Maritime  
Carrier Shipping GmbH & Co.**

**(Kawża C-346/22)**

(2022/C 368/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Pontevedra

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Mapfre España Compañía de Seguros y Reaseguros SA

*Konvenut:* MACS Maritime Carrier Shipping GmbH & Co.

**Domandi preliminari**

Il-fatti u l-motivi huma essenzjalment analogi u d-domandi preliminari identiċi għal dawk tal-Kawża C-345/22.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Pontevedra (Spanja)  
fil-25 ta' Mejju 2022 – Maersk A/S vs Allianz Seguros y Reaseguros SA**

**(Kawża C-347/22)**

(2022/C 368/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Pontevedra

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Maersk A/S

*Konvenut:* Allianz Seguros y Reaseguros SA

**Domandi preliminari**

Il-fatti u l-motivi huma essenzjalment analogi u d-domandi preliminari identiċi għal dawk tal-Kawża C-345/22.